# Tagħrif Ġenerali Dwar Birkirkara

**Kitba ta' Mario Fenech**

L-akbar popolazzjoni li niltaqgħu magħha f'raħal wieħed f'Malta hija dik ta' Birkirkara li tlaħħaq mal-20 elf ruħ.

L-arma ta' dan il-lokal hija magħmula minn Salib Aħmar b'kuruna Imperjali fuq sfond tal-Fidda. Il-Motto tiegħu huwa In Hoc Signo Vinces li jfisser b'Dan is-Sinjal Nirbaħ.



L' Istatwa ta' Sant' Elena qabel ma sarulha l-fjuretti tal-ganutel u l-Važuni tal-fidda, is-Sandli u ċ-Ċinturin.

Birkirkara kienet diġa teżisti bħala Parroċċa fis-sena 1403 u l-Knisja Parrokkjali ddedikata lil Sant'Elena kienet tinsab fil-Kontrada ta' l-għarar. Għal raġunijiet ta' Sigurta minħabba l-attakki tal-Pirati il-Parroċċa ġiet trasferita fit-tarf l-ieħor tar-raħal fil-knisja ta' Santa Marija fl-inħawi msejħa ta' l-Imrieħel. Fis-seklu 17 il-knisja ta' Santa Marija mbniet mill-ġdid u minflokha telgħet il-knisja magħrufa llum bħala l-knisja l-qadima. Kien f'din il-knisja ta' Santa Marija li nhar id-9 ta' Diċembru 1630 li twaqqaf il-kulleġġ ta' Kanonċi bil-Bolla tal-Papa Urbanu 8, taħt it-titlu ta' Santa Liena. L-ewwel Prepostu kien Dun Filippu Borġ.

Kienu jagħmlu magħha l-irħula ta' Ħal-Lija, Ħ'Attard, Ħal-Balzan u l-inħawi ta' San Ġiljan, tas-Sliema, il-Gżira u l-Imsida fost l-oħrajn. Fil-limiti tagħha kellha b'kollox 46 knisja, u dan nafuh mill-Vista Pastorali li kien għamel Mons. Dużina fl-inħawi.

Il-Knisja Parrokjali ta' Santa Marija ġiet mibnija bil-flus tal-Kappillan Dun Filippu Borg fuq disinn ta' Fra Vittorio Cassar. tlestiet mill-bini tagħha fl-1656 bil-bini tal-Koppla taħt it-tmexxija tal-Arkitett Masu Dingli. Kellha 11-il altar u kien isir id-dfin fiha. Fil-Kwadru titulari kien hemm ix-xbiegħat tal-Madonna, flimkien ma' San Pawl, Sant'Elena u l-Kurċifiss.

Maż-żmien il-knisja twaqqalha s-saqaf u l-koppla tagħha u damet mitluqa sas-snin ħamsin tas-seklu għoxrin, meta imbagħad il-Kapitlu tal-Bażilika ta' Birkirkara waqqaf Kummissjoni biex tieħu ħsieb li tara li din il-Knisja terġa' tiġi mibnija mill-ġdid fl-istat oriġinali tagħha. Ix-xogħol inbeda f'Ottubru tas-sena 1969 mill-imgħallem Abraham Schembri u tlesta lejn l-aħħar tas-snin tmenin.

Il-Knisja għalkemm hija mingħajr il-koppla hija qrib ħafna lejn dik li kien hemm qabel u ħafna



Is-Santwarju ta' Santa Tereza mdawwar bil-parti l-ġdida ta' Birkirkara.

jqisuha bħala Ġawrha ta' l-Arkitettura. Fil-preżent din il-knisja qegħda taqdi l-ħtiġijiet spiritwali tan-nies ta' l-inħawi peress li dawn għandhom xi ftit tal-bogħod għall-Bażilika ta' Sant'Elena. Hawn min isejħilha bl-isem ta' Santa Marija, oħrajn isibuha bl-isem tal-Parroċċa l-Qadima.

Il-Knisja ta' Sant'Elena hija wkoll meqjusa bħala monument ta' l-arkitettura, ġiet mibnija bejn l-1727 u l-1745.

L-Ewwel ġebla tal-bini tagħha tqegħdet mill-Isqof Gori Mancini fis-27 ta' April 172. Nhar id-19 ta' April tas-sena 1745 ġiet imbierka u ddedikata lil Sant'Elena.

Il-Knisja ġiet ikkonsagrata mill-Isqof Labini fl-20 ta' Ottubru 1782. Fiha 12-il Artal u għalkemm il-kobor tagħha huwa ferm akbar minn dak ta' knejjes oħrajn, dak kollu li hemm fiha sar b'reqqa liema bħala u mill-aqwa artisti, skulturi u nies ta' snajja.

Fost dawn l-opri sbieħ hemm il-kwadru titulari xogħol ta' Franġisku Zahra, u l-Istatwa ta' Sant'Elena li nħadmet mill-iskultur Salvu Psaila f'dar f'Birkirkara stess fl-1873. Ħallas għaliha Censu Borg Brared. Fuq il-faċċata tal-knisja mad-dawra tal-Fontispizju hemm 14-il statwa tal-ġebel li reġgħu saru mill-ġdid dan l-aħħar eżatt bħal dawk li kien hemm qabel li kien għamel sew bihom iż-żmien.



Il-Knisja ta' Santa Marija (Il-Qadima) kif kienet tidher minn fejn l-istazzjon tal-ferrovija.

Fiż-żewġ kampnari hemm sett qniepen bil-kbira l-aktar magħrufa fil-Gżejjer Maltin kemm għall-kobor tagħha kif ukoll għat-ton uniku tagħha. Saret mid-Ditta Barigozzi ta' Milan u tpoġġiet fil-post tagħha fin-nofs tal-kampnar tan-naħa tax-xellug fl-1932. Fit-18 ta' Jannar



Kartolina antika li turi parti mill-pittura ta' l-arzella tal-kor tal-Bażilika ta' Sant' Elena, fuq ritratt interessanti li juri l-Parroċċa l-Qadima, l-Bażilika ta' Sant' elena, u l-bini li dak iż-żmien kien jifforma lill-Birkirkara.

1950 il-Kolleġġjata ġiet imtella' għal ġieh ta' Bażilika fi żmien l-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi bil-bolla Appostolika tal-Papa Pija 12.

Matul is-snin mill-parroċċa ta' Birkirkara ħarġu numru ta' parroċċi li ġew iffurmati f'irħula oħrajn. Parroċċi oħrajn, dik ta' San Ġużepp Ħaddiem u dik tal-Madonna tal-Karmnu ta' Fleur De Lys twaqqfu fil-limiti ta' l-istess raħal.

Insibu wkoll knejjes oħrajn li jinsabu f'żoni differenti tar-raħal bħalma huma l-knisja ta' San Franġisk mmexxija mill-Patrijiet Franġiskani Konventawli, is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħerba mibni fl-1640, il-Knisja ta' San Pawl li l-ewwel ma mbniet kien fl-1538, il-knisja ta' Santu Rokku mibnija mill-ġdid fl-1676, fejn hemm devozzjoni kbira lejn Santa Rita, u l-Knisja ta' Sant'Antnin ta' Padova u Santa Katerina, mibnija mill-ġdid fl-1828.

Annessa mal-Kulleġġ ta' San Alwigi hemm il-knisja tal-Qalb ta' Ġesu' li tbierket fis-7 ta' Awissu 1914 mill-Isqof Portelli, annessa mal-Bini ta' l-Oratorju hemm il-knisja li fiha ssir il-festa tal-Madonna għajnuna ta' l-Insara. Din il-knisja flimkien ma' l-Oratorju huma mmexxija Saċerdoti tal-Moviment Missjunarju ta' San Pawl.

Nhar il-Ħadd 16 ta' Mejju 1965 l-Arċisof Mons. Mikiel Gonzi poġġa l-ewwel ġebla tal-bini tas-Santwarju ta' Santa Tereża, li nbena bil-ħidma tal-Patrijiet Karmelitani Skalżi li qabel kienu jmexxu l-knisja li kienet iddedikata lil San Alfonz. Il-Knisja mbniet fl-1892 bil-flus tas-Sur Fons Maria Micallef fuq id-disinn tal-Perit Galizia. Il-Knisja tbierket mill-Isqof Pietru Pace fit-18 ta' Novembru 1896 fl-istess żmien li fih kienu waslu l-Patrijiet karmelitani Skalzi f'Birkirkara.

F'dan is-Santwarju d-devozzjoni lejn Santa Tereża hija waħda kbira ħafna u bosta nies iżuru dan is-Santwarju kulljum biex jitolbu quddiem ix-xbieha tagħha. Ma tonqosx id-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Karmnu li l-festa tagħha issir fix-xahar ta' Lulju.

Il-Lokal ta' Birkirkara huwa ċentru ta' attivita` kulturali kbira b'għadd kbir ta' każini u għaqdiet li jagħmlu minn kollox biex jinżammu t-tradizzjonijiet kulturali kollha li jiddistingwu lill-poplu Malti minn popli oħrajn għall-mod li bih jiċċelebra u jorganizza l-attivitajiet kulturali tiegħu speċjalment waqt il-jiem tal-festi Parrokkjali u Titulari.